**15 ta' Marzu, 1958.**

**Imħallfin:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Zammit

**Sewqan ta' Karrozza — "Third Party Risks" — Sospensjoni tal-Liċenza — "Special Reasons".**

*Jekk polza ta' sigurtà ta' karrozza tiskadi f'ċerta data, imma jkun hemm ftehim mal-kumpannija tal-assikurazzjoni illi l-istess polza tibqa' sseħħ għal ċertu numru ta' ġranet wara l-iskadenza, ma jistgħax jingħad illi f'dak il-perijodu ta' bejn dawn iż-żewġ dati l-karrozza tkun qegħedha tiġi misjuqa mingħajr il-"cover" għar-riskji tat-terzi persuni. Kieku si trattava ta' konċessjoni grazzjuża tal-kumpannija, allura kien ikun il-każ ta' sewqan mingħajr dak il-"cover"; imma bis-saħħa ta' dak il-ftehim l-"cover" hi bi dritt, u mhux "ex gratia". Dak iż-żmien wara l-iskadenza ma humiex days of grace" għall-ħlas tar-"renewal premium", imma "cover" effettiv bi dritt.*

*F'każ bħal dan, l-imputazzjoni ta' nuqqas ta' "cover" hija eskluża, u ma hix kwistjoni ta' "special reasons" għall-finijiet tas-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli l-Belt, fit-8 ta' Diċembru 1957, f'xi d-9.30 p.m., (1) ingombra Old Bakery Street, bejn St. John Street u St. Lucy Street, bil-car 12161, (2) ipparkja l-istess car fejn kien hemm sinjali tat-traffiku li jindikaw li ma tistax tipparkja, u (3) barra minn dan, saq l-istess car mingħajr il-polza tas-sigurtà jew garanzija dwar riskji ta' terzi persuni skond id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza XXXVI tal-1939;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni li jiġi skwalifikat li jkollu jew jieħu liċenza tas-sewqan għal perijodu ta' tnax il-xahar jew aktar, skond l-art. 3(2) tal-istess Ordinanza;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-10 ta' Jannar 1958, li biha dwar l-imputazzjoni li ma kienx hemm polza ta' sikurtà, irriteniet li kien jirriżulta li l-kumpannija tas-sikurtà kienet tikkunsidra l-car koperta bis-sikurtà, u dan mhux "ex gratia", imma "per diritto", u lliberatu għalhekk mit-tielet imputazzjoni, u kkundannatu 10s. ammenda għall-imputazzjonijiet l-oħra;

Rat ir-rikors li bih l-Attorney General appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata in kwantu li sabet l-imputat mhux ħati tat-tielet imputazzjoni, billi minflok tiddikjarah ħati ta' dik l-imputazzjoni u tikkundannah skond il-liġi;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mix-xhieda tar-rappreżentant tal-kumpannija tas-sikurtà, Victor Grech, jirriżulta li, għalkemm il-polza kienet tiskadi jew fit-30 ta' Novembru jew fis-7 ta' Diċembru, però, skondranġamenti mal-Head Office tal-istess kumpannija, il-"cover" tal-polza jibqa' sa ħmistax il-ġurnata wara. Dan ifisser li fil-ġurnata msemmija fiċ-ċitazzjoni, il-karrozza misjuqa mill-imputat kienet koperta bis-sikurtà meħtieġa skond il-liġi;

Kieku si trattava ta' konċessjoni grazzjuża tal-kumpannija, allura l-Prosekuzzjoni kien ikollha raġun fl-appell tagħha; imma, kif ripetutament qal ix-xhud fuq imsemmi, il-"cover" għal ħmistax il-ġurnata wara l-iskadenza hi bi dritt, u mhux "ex gratia";

Vwoldiri li dawk il-ħmistax il-ġurnata ma humiex "days of grace" għall-ħlas tar-"renewal premium", imma "cover" effettiv bi dritt;

F'materja analoga, din il-Qorti ġa rriteniet li f'ċirkustanzi simili l-imputazzjoni ta' nuqqas ta' "cover" hi eskluża, u ma hix sempliċement kwistjoni ta' "special reasons" (ara Appelli Kriminali "Pulizija vs. Bugeja" 30.3.'57, u "Pulizija vs. Calleja" 11.5.'57);

Għalhekk, l-appell tal-Attorney General hu miċħud, u s-sentenza "quoad appellatum" konfermata.